Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,633, 26 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 163 ta' l-1998

ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI) (KAP. 225)

Data tal-bidu fis-seħħ ta' l-Ordni ta' l-1998 dwar it-Tagħmir Protettiv Personali (Ordni Nru. M34 ta' l-1998)

L-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* b'dan tavża illi l-Ordni ta' l-1998 dwar it-Tagħmir Protettiv Personali (Ordni Nru. M34 ta' l-1998) tqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), fit-12 ta' Mejju, 1998 u li l-imsemmi Ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 1998, iżda l-ħtieġa tal-artiklu 6 ta' dak l-Ordni u l-marka CE m'għandhomx ikunu obbligatorji qabel l-1 ta' Jannar, 1999.